"Rajtu, ħbieb," qallhom maħnuq Pinu, "kif aħna għomna l-ewwel illum!" U għadda jħokk ma' dawk il-qatta żgħażagħ imqarba li baqgħu iħarsu lejh u lejn Ġużepp miblugħa fihom infushom.

U meta n-nies li kien hemm fehmu sewwa x'kien ġara, Għar Lapsi kollu nstema' jidwi u jdamdam bid-daħk u t-twerżiq u t-tisfir li sar. Kien hemm għors sħiħ u fejn wieħed jixxala tabilħaqq. Kien hemm min qal ukoll. "Bċejjeċ ta' l-imġienen dawn!"

Imma dik kienet waħda mill-praspar ħelwin ta' Ġużepp u ta' sieħbu Pinu. Waħda minn tagħhom!

---

## NAWFRAĠJU

*Ta'* Rev. ĠUŻEPP ABELA

Anġlu Kustodju, ħaffef,
Farfar ġwinħajk u ejja.
L-injam ta' taħti nieżel
U l-mewġ qed joqrob lejja.
Anġlu Kustodju, ejja.

Ara dit-tavla nfaqgħet.
U isma' daż-żaqżiq.
Dat-tmun . . issa . . issa nkiser.
Mel'issa tlift it-triq.
Anġlu Kustodju, ejja.

Nieżel ġol-baħar . . . Anġlu . . .
Bla saħħa, idejja għajjiena.
Ser negħreq, ma nafx ngħum.
Newwel idejk tal-ħniena.
Anġlu Kustodju, ejja.

* * *

Iktar ma niftakarx. Biss, xħin għajnejja
Tbexxqu mill-ġdid fuq dina l-art ħanina,
Sibtni nistrieħ fuq sodda ratba u bajda.
Ġo sala twila u tleqq, rasi nfaxxata . .
Din-naħa kurċifiss fuq komodina,
u n-naħa l-oħra, tidħak, tfajla rżina.

(Melbourne).

N.B. Din il-poeżija konna ġibnieha f'*Il-Malti* ta' Diċembru 1964, iżda billi bi żball konna ħallejna barra l-aħħar strofa, qegħdin nistampawha mill-ġdid f'dan il-għadd.



## GĦADIRA

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Rajt lili nnifsi f'għajnejk,
u l-ħsieb tiegħi
tar dlonk fuq ruħek.

Oleandru abjad.

Rajt lili nnifsi f'għajnejk
u l-ħsieb tiegħi
fuq xoftejk issammar.

Oleandru aħmar.

Rajt lili nnifsi f'għajnejk,
iżda int fi ħdan il-mewt
kont rieqda għal dejjem!

Oleandru iswed.

## DIN TASSEW

*Ta'* V.M. PELLEGRINI

Aħ xi tbatija jiswili
li nħobbok kif jien inħobbok!
għal din imħabbti għalik
sa n-nifs jifgani
u tuġagħni qalbi
u jweġġagħni l-kappell.

Min irid jixtri minn għandi
dac-ċinturin li bih nitħażżem,
jew dad-dwejjaq ta' ħajt abjad
tajjeb biex tħejt imkatar?
Aħ! xi tbatija jiswili
li nħobbok kif jien tassew inħobbok!

*Nota:* Tliet poeżiji maqlubin għall-Malti minn l-Ispanjol ta' Federico Garcia Lorca.